32005D0065

L 27/52 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.1.2005

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' 28 ta' Jannar 2005**

**fir-rigward ta' ċerti garanziji addizzjonali transizzjonali għad-Danimarka f'dak li hu marbut mat-tibdil ta' l-istatus tagħha ta' non-vaċċinazzjoni kontra l-marda ta' Newcastle**

*(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2005) 143)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2002/65/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li tirregola l-kummerċ intra-Komunitarju fit-tjur u bajd tat-tfaqqis [1] u l-importazzjoni tagħhom minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/552/KEE tas-27 ta' Settembru 1991 li tistabbilixxi l-istatus tad-Danimarka fir-rigward tal-marda ta' Newcastle [2] stabbiliet l-istatus tad-Danimarka bħala Stat Membru ta' non-vaċċinazzjoni kontra l-marda ta' Newcastle għall-iskop ta' kummerċ intra-Komunitarju u importazzjoni minn pajjiżi terzi tat-tjur.

(2) Minħabba xi żviluppi reċenti f'dak li għandu x'jaqsam mas-sitwazzjoni tagħha u l-marda ta' Newcastle, id-Danimarka bi ħsiebha tintroduċi l-vaċċinazzjoni tat-tjur kontra din il-marda u għalhekk l-istatus tagħha bħala Stat Membru ta' non-vaċċinazzjoni għandu jiġi sospiż kif previst fid-Direttiva 90/539/KEE.

(3) Biex tiġi salvagwardata l-qagħda preżenti tas-saħħa tat-tjur fid-Danimarka matul il-fażi ta' introduzzjoni għall-vaċċinazzjoni kontra l-marda ta' Newcastle huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli transizzjonali għall-garanziji addizzjonali f'dak li għandu x'jaqsam ma' kunsinni lejn dan l-Istat Membru għal ċertu perijodu.

(4) Għalhekk, id-Danimarka għandha tingħata ċerti garanziji addizzjonali, li jistgħu jinkludu l-ittestjar ta' tjur kif hemm previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/340/KEE [3] dwar l-ittestjar tat-tjur għall-marda ta' Newcastle qabel ma jsir xi ċaqliq.

(5) Id-Deċiżjoni 91/552/KEE għandha għalhekk tiġi rrevokata.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Articolu 1*

**Skop u suġġetti**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-kummerċ intra-Komunitarju fit-tjur, kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 90/539/KEE, għall-kunsinna lejn id-Danimarka mill-Istati Membri li m'għandomx status ta' non-vaċċinazzjoni kontra l-marda ta' Newcastle, kif hemm previst fl-Artikolu 12(2) ta' din id-Direttiva, u minn pajjiżi terzi.

*Articolu 2*

**Awtorizzazzjoni bil-quddiem għall-kunsinni tat-tjur lejn id-Danimarka**

L-awtorizzazzjoni bil-quddiem mill-awtorità veterinarja kompetenti tad-Danimarka għandha tintalab qabel il-kunsinna tat-tjur.

Din it-talba għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni dwar it-tip ta' vaċċin u l-iskema ta' vaċċinazzjoni użata għall-immunizzazzjoni tat-tjur kontra l-marda ta' Newcastle.

*Articolu 3*

**t-teħid ta' kampjuni u l-ittestjar tat-tjur għall-kunsinna lejn id-Danimarka**

L-awtorità kompetenti tad-Danimarka tista' titlob l-ittestjar tat-tjur b'konformità ma' l-Artikolu 1 u 2 tad-Deċiżjoni 92/340/KEE, hi u tqis l-informazzjoni pprovduta b'konformità ma' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

*Articolu 4*

**Ċaħda ta' kunsinni tat-tjur mid-Danimarka**

Jekk id-Danimarka, hi u tqis l-informazzjoni prevista b'konformità ma' l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni u r-riżultat ta' l-ittestjar imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni, tiddeċiedi li ma tawtorizzax id-dħul ta' xi kunsinna ta' tjur fit-territorju tagħha, għandha tinforma lill-Kummissjoni u l-Istat Membru l-ieħor jew xi pajjiżi terzi interessati dwar ir-raġunijiet tad-Deċiżjoni tagħha.

---

[1] ĠU L 303, tal-31.10.1990, p. 6. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 298, tad-29.10.1991, p. 21.

[3] ĠU L 188, tat-8.7.1992, p. 34.

*Articolu 5*

**Revoka tad-Deċiżjoni 91/552/KEE**

Id-Deċiżjoni 91/552/KEE ġiet irrevokata.

*Articolu 6*

**Applikabilità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika tat-28 ta' Frar 2006.

*Articolu 7*

**Id-Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-28 ta' Jannar 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Marcos KYPRIANOU
*Membru tal-Kummissjoni*